# Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 16 ta' April 2019**

**Rikors Guramentat numru:- 66/2018JVC**

**Emanuel Muscat (KI 4631 G) li qieghed jidher f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-assenti Maria Nora Tobin, Angela Manfield, Anthony Joseph Muscat u Pauline Condick, kif debitament awtorizzat, Joseph Muscat (KI 42545 G) li qieghed jidher f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju tal-assenti Josephine Sacco u Francis Muscat, kif debitament awtorizzat, Rita Muscat (KI 76544 G) li qeghdha tidher f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja ta' l-assenti Peter Muscat, Emanuel Muscat, Coronata Portelli, Coronata Debrincat, Paul Muscat, Theresa McTackett, Margaret Muscat u Lawrence Muscat, kif debitament awtorizzata, Giacinta Muscat (KI 51551 G), Antonia Cutajar (KI 30365 G), Connie Muscat (KI 183786 M), Peter Muscat (KI 1064 G), Frances Xuereb (KI 29765 G), Carmel Muscat (KI 9162 G), Giacinta Farrugia (KI 72749 G), Grace Portelli (KI 55253 G) li qeghdha tidher f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja ta' l-assenti Cettina Lipscombe, Marija Xerri u Lucy Mercieca, kif debitament awtorizzata u Paul Muscat (Kl 670446 G) li qieghed jidher f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-assenti Lawrence Muscat kif debitament awtorizzat, Ines Mifsud, (KI 20155 G) u Mary Rose Scicluna (KI 8647G) u b'digriet tal-hmistax (15) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018) ghandhom jizdiedu l-atturi Peter Muscat (KI 2634G), Coronato Muscat (KI 24746G) u Carmel Muscat (KI 29853G) ilkoll ulied il-mejjet Coronato Muscat**

**vs**

**B'digriet tal-ghaxra (10) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) l-Avukat Dottor Deborah Camilleri giet nominata kuratur deputat**

**sabiex tirrapprezenta lill-assenti Linsay Muscat u Larry Muscat, it-tnejn li huma residenti gewwa l-Awstralja**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi illi ppremettew:

1. Illi permezz ta' *z*ewg kuntratti datati 17 ta' Dicembru 1942 u 10 ta' Jannar 1943, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi, Giuseppe Muscat, waqt iz-zwieg tieghu ma' Concetta neé Portelli, akkwista l-utile dominju in perpetwu tal-fond numru 42, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex. Kopja nformali tal-imsemmija kuntratti qed tigi annessa bhala Dok M1. Estratt tac-certifikat taz-*zw*ieg ta' Giuseppi Muscat u Concetta neé Portelli qed jigi anness bhala Dok M2. Site plan li turi dan il-fond qed tigi annessa bhala Dok M3.

2. Illi Giuseppi u Concetta Muscat kellhom disat itfal, cioe' Maria Assunta, Pawlu, Pietru, Pietra, Coronato, Annunziata, Angelo, Josephine u Emanuel, certifikati tat-twelid ta' liema qed jigu annessi Dok M4 sa Dok M12 rispettivament.

3. Illi l-imsemmi Giuseppi Muscat gie nieqes nhar it-23 ta' Frar 1951 skont l-anness certifikat tal-mewt Dok M13, u miet intestat skont kif jidher mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti annessi bhala Dok M14 u M15 rispettivament. Ghalhekk wirtu n-nofs tieghu wliedu fi kwoti ndaqs u divizi bejniethom skont il-ligi tas-successjoni vigenti f'dik l-epoka, liema kwoti kienu ta' *1*/18 kull wiehed.

4. Illi Concetta Muscat mietet nhar il-21 ta' Mejju 1971 skont l-anness certifikat tal-mewt Dok M16. L-istess Concetta Muscat mietet testata permezz ta' zewg testmenti datati 2 ta' Mejju 1951 u 5 ta' Lulju 1967, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi, u dan skont l-annessi ricerki testamentarji pubblici u sigrieti annessi bhala Dok M17 u M18 rispettivament. Skont it-testmenti annessi bhala Dok M19 u M20 rispettivament, in-nofs indiviz ta' Concetta Muscat fil-fond ghadda f'idejn it tliet (3) wliedha M'Assunta, Pietru u Pietra ahwa Muscat, li kienu kollha mhux mizzewgin u residenti f'dan l-istess fond fl-epoka tal-mewt taghha. Ghalhekk, M'Assunta, Pietru u Pietra ahwa Muscat wirtu l-kwota ndiviza ta' parti minn sitta (1/6) kull wiehed minghand ommhom, u b'hekk, fil-mument tal-mewt taz-zewg genituri, huma kellhom total ta' zewg partijiet minn disgha (2/9) kull wiehed filwaqt illi s-sitt huthom l-ohra kellhom il-parti ndiviza ta' wahda minn tmintax (1/18) kull wiehed li wirtu direttament minghand missierhom.

5. Illi mis-sitt (6) ahwa li zzewgu, Josephine u Emanuel Muscat ghadhom hajjin u huma vendituri fuq l-att. Minnhom kollha, Emanuel u Annunziata biss wirtu porzjonijiet ohra mill-fond, kif sejjer jigi spjegat fid-dettal sussegwentament, filwaqt illi l-hamsa (5) l-ohrajn baqghu dejjem bil-kwota ta' parti ndiviza minn tmintax (1/18) kull wiehed.

6. Illi Angelo Muscat gie nieqes nhar il-25 ta' Mejju 1999 gewwa Penarth, Wales skont l-anness Dok M21, u s-sehem tieghu minn dan il-fond ghadda ghand l-erba' (4) wliedu skont id-dokument anness bhala Dok M22. Skont dan id-Dok M22 u skont ricerki testamentarji

pubblici Dok M23, Angelo Muscat miet intestat. Ricerki testamentarji sigrieti ma setghux isiru peress illi l-mewt tieghu ma gietx registrata fir-Registri Pubblici ta' Malta jew Ghawdex.

7. Illi Pawlu Muscat gie nieqes nhar id-19 ta' Jannar 1987 skont l-anness Dok M24 u miet testat skont ricerki pubblici u sigrieti annessi Dok M25 u Dok M26 rispettivament. Illi huwa ghamel tliet (3) testmenti, wiehed datat 27 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi, iehor datat 19 ta' Marzu 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo u iehor datat 4 ta' Gunju 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, hawn annessi bhala Dok M27, M28 u *M*29 rispettivament. Mill-qari ta' dawn it-testmenti kumulattivament, jirrizulta illi sehem Pawlu Muscat minn din il-proprjeta' ghadda ghand it-tmien (8) uliedu Emanuel, Rita, Giacinta, Loreta, Coronata, Joe, Peter u Maria rispettivament u fil-kwoti ndivizi ta' parti minn mija u erbgha u erbghin parti (1/144) kull wiehed.

8. Illi minn dawn l eredi ta' Pawlu Muscat, gew neqsin Maria Cini u Peter Muscat, skont l-annessi certifikati Dok M30 u M31 rispettivament. Maria Cini mietet intestata skont ir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti annessi bhala Dok M32 u M33 rispettivament. Peress illi hija mietet armla, wirtuha z-zewg (2) uliedha Tanya Debrincat u Paul Cini fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom ta' parti minn mitejn u tmienja u tmenin (1/288) kull wiehed skont il-ligijiet tas-successjoni kurrenti. Peter Muscat miet ricentament gewwa l-Awstralja fejn kien jghix u s-successjoni tieghu ghadha mhix miftuha peress illi l-procedura tal-*probat*e ghadha ma nbdietx. Qed tigi annessa korrispondenza bl-email bejn l-avukat

sottoskritt u s-*solicitor* inkarigat minn ulied Peter Muscat bhala Dok M34, fejn gie propost illi l-flus spettanti lill-porzjon ta' Peter Muscat tigi depozitata fi 'trust account' f'isem l-ezekutrici, bintu Margaret Muscat, biex imbaghad tigi percepita minn dawk l-eredi li ghandhom dritt ghaliha wara li tinghalaq il-procedura tal-*probate.* Bintu Margaret Muscat fil-vesti taghha bhala ezekutrici testamentarja baghtet ukoll prokura annessa Dok M35 tawtorizza lil oht missierha, Rita Muscat, biex tidher f'dawn il-proceduri u fil-bejgh ghan-nom taghhom dwar is-sehem ta' missierhom. Ghal kull buon fini qeghdha tigi annessa wkoll kopja ta' l-ahhar testment li ghamel Peter Muscat bhala Dok M36.

9. Illi mill-eredi ta' Pawlu Muscat gie nieqes ukoll ibnu Joe Muscat, li pero' gie nieqes fl-Awstralja, u l-mewt tieghu baqghet qatt ma giet irregistrata fir-Registri Pubblici ta' Malta jew Ghawdex. Joe Muscat kellu erbat itfal, li huma Paul Muscat, Theresa McTackett, Linsay Muscat u Larry Muscat. Linsay u Larry ahwa Muscat huma z-zewg konvenuti f'din il-procedura peress illi qeghdin jirrifjutaw illi jikkomunikaw b'xi mod ma' wiehed jew wahda mill-hafna atturi jew rapprezentanti taghhom, u qed jirrifjutaw ukoll illi jibaghtu prokuri li bihom jissenjalaw l-intenzjoni taghhom illi jbieghu sehemhom minn din il-proprjeta'. Ghalhekk, minhabba dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni, ma kienx possibbli li jigu prokurati dokumenti li ghandhom x'jaqsmu mal-mewt ta' l-imsemmi Joe Muscat. Ghal kull buon fini qieghed jinghad illi ghalkemm Paul Muscat u Theresa McTackett ikkoperaw mal-atturi bl-ahjar mod u baghtu wkoll il-prokuri taghhom, huma ma ghandhomx fil-pussess taghhom

dokumenti dwar il-mewt ta' missierhom. L-informazzjoni li ghandhom l-atturi hija illi Joe Muscat miet intestat u ghalhekk sehmu ghandu jinqasam bejn l-erba' wliedu ugwalment.

10. Illi Coronato Muscat, bin Giuseppe Muscat u Concetta nee' Portelli, miet testat nhar l-4 ta' Frar tas-sena 2013, skont l-anness certifikat tal-mewt Dok. M37. Mir-ricerki testamentarji pubblici, hawn annessi bhala Dok. M38, irrizulta illi Coronato Muscat miet testat, u li l-ahhar testment tieghu kienu dak datat 2 ta' Awwissu 2000, li kien testment revokatorju, fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech, hawn anness bhala Dok. M39. Mid-denunzja annessa bhala Dok M40, jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda testment iehor, lanqas sigriet maghmul minn Coronato Muscat wara mewtu. Ghalhekk, is-sehem ta' parti minn tmintax-il parti ndiviza (1/18) appartenenti lil Coronato Muscat mill-wirt ta' missieru Giuseppi Muscat, intiret mis-sitt ulied ta' Coronato Muscat, u cioe', Joseph sostitwit minn bintu unika Connie Muscat peress illi kien premort meta miet missieru, Peter, Coronato, Charlie, Mary Rose u Ines, ahwa Muscat, fis-sehem indiviz u ugwali ta' parti minn mija u tmienja (1/108) kull wiehed.

11. Illi Joseph Muscat, iben Coronato Muscat, kien miet intestat nhar il-31 ta' Marzu 1984, skont l-anness certifikat tal-mewt Dok. M41, u skont ir-ricerki testamentarji pubblici u anke sigrieti annessi bhala Dok. M42 u M43 rispettivament, u ghalhekk wirtet il-gid tieghu nterament bintu unika Connie Muscat, skont il-ligijiet tas-successjoni *ab intestato* vigenti fl-epoka tal-mewt tieghu.

12. Illi Maria Assunta Muscat, bint xebba ta' Giuseppi Muscat u Concetta nee Portelli, mietet nhar il-15 ta' Frar 1994, skont l-anness certifikat tal-mewt immarkat bhala Dok. M44. Hija mietet testata skont l-annessi ricerki testamentarji pubblici annessi bhala Dok. M45 u minghajr ma ghamlet testment sigrieti skont ir-ricerki testamentarji hawn annessi bhala Dok. M46. It-testment li hija ghamlet huwa datat 17 ta' April 1985 fl-atti tan Nutar Dottor Giuseppi Cauchi, kopja ta' liema qeghdha tigi hawn annessa bhala Dok. M47. F'dan it-testment, hija halliet lil hutha Pietru u Pietra ahwa Muscat eredi universali tal-beni kollha taghha. Ghalhekk, is-sehem totali ta' zewg ishma minn disgha (2/9) indivizi li l-imsemmija Maria Assunta Muscat kienet wirtet, kwantu ghal sehem minn tmintax (1/18) indivizi minghand missierha Giuseppi Muscat u kwantu ghal sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) indivizi li wirtet minghand ommha Concetta Muscat nee' Portelli, ghaddew ghand Pietru u Pietra ahwa Muscat fil-kwota ta' sehem minn disgha (1/9) ndivizi kull wiehed.

13. Illi ghalhekk, wara l-mewt ta' ohthom Maria Assunta Muscat, Pietru u Pietra ahwa Muscat, kellhom b'kollox sehem totali ta' terz (1/3) indiviz kull wiehed mill-proprjeta', u dan wara illi wirtu lil missierhom, lil ommhom u lil ohthom.

14. Illi nhar it-18 ta' Mejju 2002, miet l-imsemmi Pietru Muscat, skont l-anness certifikat tal-mewt Dok. M48. Minn ricerki testamentarji pubblici annessi Dok. M49, u minn dawk sigrieti annessi Dok. M50, irrizulta illi l-imsemmi Pietru Muscat ghamel zewg testmenti pubblici qabel mewtu, bl-ahhar wiehed, cioe' dak tas-26 ta' April tas-

sena 2000, fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech, hawn anness bhala Dok. M51, jirrevoka kull testment li sar qablu. Skont dan l-imsemmi testment, fir-raba' artikolu tieghu, huwa nnomina u stitwixxa bhala eredi universali tal-beni kollha tieghu fil-kwoti ta' terz *(1/*3) indiviz kull wiehed, lil hutu Emanuel u Annunziata ahwa Muscat, u ta' terz (1/3) indiviz bejniethom lin-neputijiet tieghu Rita u Giacinta ahwa Muscat, u ghalhekk is-sehem tieghu ta' terz *(*1/3) indiviz f'din il-proprjeta' inqasam wara mewtu fi tlieta.

15. Illi nhar l-4 ta' Novembru 2009, mietet Pietra Muscat, skont ic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok. M52. Mir-ricerki testamentarji pubblici annessi bhala Dok. M53, irrizulta illi l-imsemmija Pietra Muscat ghamlet erba' testmenti, b'dak ta' l-ahhar datat 23 ta' Gunju 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech, hawn anness bhala Dok. M54, ikun wiehed revokatorju. L-imsemmija Pietra Muscat ma ghamlet l-ebda testment sigriet skont l-annessi ricerki Dok. M55. Skont it-tieni u t-tielet artikoli ta' dan l imsemmi testment, Pietra Muscat halliet il-kwota ta' zewg partijiet minn tmintax *(*2/18) indivizi li hija wirtet minghand ohtha Maria Assunta Muscat, fil-kwota ta' terz indiviz (1/3) kull wiehed lil huha Emanuel Muscat, ohtha Annunziata Muscat u terz (1/3) indiviz iehor maqsum bejn Rita u Giacinta ahwa Muscat, in-neputijiet taghha. Hija mbaghad halliet il-kwota ta' erba' partijiet minn tmintax (4/18) indivizi li hija wirtet minghand il-genituri taghha Giuseppi u Concetta Muscat, fil-kwota ta' terz indiviz (1/3) kull wiehed lil huha Emanuel Muscat u lin-neputija taghha Grace Portelli, u terz *(1/*3)

iehor indiviz maqsum bejn in-neputijiet taghha Rita u Giacinta ahwa Muscat.

16. Illi Annunziata Muscat mietet nhar l-20 ta' Aw*w*issu 2010, skont l-anness certifikat tal-mewt Dok. M56. Skont ir-ricerki testamentarji pubblici annessi Dok. M57, hija mietet testata, u ma ghamlet l-ebda testment sigriet skont l-annessi ricerki Dok. M58. Mill-qari tat-testmenti ta' Annunziata Muscat, bl-ewwel wiehed ikun dak tat-8 ta' Mejju tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech, anness bhala Dok. M69, hija ghamlet riferenza ghal testment li kien sar qabel dan tas-sena 2000, pero' l-ebda evidenza tar-registrazzjoni ta' dan it-testment ma nstabet minkejja li r-ricerki testamentarji saru wara mewtha minn uliedha, u regghu saru ghal skopijiet ta' din il-procedura. Ghalhekk l-ewwel testment validu ta' Annunziata Muscat huwa dak tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech, u fih ma ssir ebda referenza ghall-proprjeta' in kwistjoni u lanqas ma gew nominati eredi universali. It-testment li sar nhar l-10 ta' Awwissu 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima, gie mhassar espressament fit-testment ta' l-10 ta' Marzu 2003 fl-atti ukoll tan-Nutar Dottor Maria Grima, hawn anness bhala Dok. M60. F'dan it-testment, hija halliet sehemha mill-wirt li hija wirtet minghand ohtha Pietra Muscat, lil bintha Gracie Portelli. Permezz imbaghad ta' l-ahhar testment taghha datat 28 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro, hija hassret ghal kollox it-testment minnha maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech nhar id-19 ta' Dicembru 2008, kif jidher fl-anness Dok. M61. Dan ifisser illi t-testmenti tas-sena 2000, 2003 u 2009, huma dawk it-testmenti li

jirregolaw is-successjoni ta' Annunziata Muscat. Minnhom jirrizulta illi s-sehem minn tmintax (1/18) indivizi li hija wirtet minghand missierha Giuseppi Muscat, flimkien mas-sehem indiviz minn disgha (1/9) li hija wirtet minghand huha Pietru Muscat, kellu jinqasam bejn it-tnax-il uliedha b'mod indiviz u ugwali bejniethom, peress illi fl-ebda testment minn dawn ma gew nominati jew istitwiti eredi universali, u ghalhekk, gidha li mhux imholli b'legati jew bi pre-legati kellu jinqasam skont il-ligi tas-successjoni *ab intestato.* Gracie Portelli imbaghad, wirtet minghand ommha Annunziata, is-sehem li hija wirtet minghand ohtha Pietra Muscat, permezz tat-testment tas-sena 2003, u ghalhekk, Gracie Portelli tigi illi wirtet terz (1/3) indiviz mis-sehem ta' terz (1/3) indiviz li kellha Pietra Muscat mill-proprjeta' fid-data tal-mewt taghha. Dan ifisser illi hdax mill-ulied ta' Annunziata, u cioe' Joe, Paul, Maria, Giacinta, Lorry, Frans, Lucy, Cettina, Charlie, Peter u Frances, ghandhom sehem minn tnejn u sebghin sehem *(1/*72) indiviz kull wiehed mill-proprjeta', filwaqt illi Gracie Portelli ghandha total ta' disgha ishma minn tnejn u sebghin sehem indiviz *(9/*72) jew sehem minn tmienja indiviz (1/8) mill-proprjeta'.

17. Illi ghalhekk, wara dawn is-successjonijiet kollha, l-attur Emanuel Muscat spicca b'sehem totali ta' hames ishma minn tmintax (5/18)-il sehem indiviz, wara li wiret sehem minn tmintax-il sehem indiviz (1/18) minghand missieru, sehem indiviz minn disgha *(*1/9) ishma ndivizi minghand huh Pietru, u sehem iehor indiviz minn disgha (1/9) ishma ndivizi minghand ohtu Pietra.

18. Illi Rita u Giacinta ahwa Muscat, wara li wirtu ishma wkoll minghand Pietru u Pietra Muscat, ghandhom total ta' sbatax-il sehem minn mija u erbgha u erbghin sehem indiviz (17/144) kull wiehed.

19. Illi l-mod ta' kif gew allokati l-ishma ndivizi lill-vendituri kollha, anke lil dawk dissidenti, qieghed muri ahjar fil-partita hawn annessa u mmarkata Dok. M62.

20. Illi l-konvenuti Larry u Linsay Muscat huma proprjetarji ta' sehem minn hames mija u sitta u sebghin (1/576) sehem indiviz kull wiehed, u ghalhekk qeghdin f'minoranza.

21. Illi nhar l-20 ta' Settembru 2017, il-vendituri kollha ghajr ghall-konvenuti, Larry Muscat u Linsay Muscat, dahlu fi ftehim ta' weghda ta' bejgh ma' Joseph u Saverina konjugi Schembri u mal-Perit Justin u martu Karensa Schembri, sabiex ibieghu din il-proprjeta', liema ftehim huwa soggett ghall-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li tapprova dan il-bejgh. Dan il-ftehim, u t-tigdid tieghu datat 27 ta' April 2018, flimkien mar-ratifika datata 2 ta' Lulju 2018 qieghed jigi anness bhala Dok. M63.

22. Illi dan il-ftehim gie debitament irregistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bin-numru PS201712752, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. M64.

23. Illi l-prezz maqbul bejn il-partijiet huwa dak ta' mija u hamsa u disghin elf Ewro (€195,000) liema prezz huwa certifikat bhala

wiehed gust u reali mill-Perit Arkitett Cornelia Tabone, skont il-valutazzjoni hawn annessa bhala Dok. M65.

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tahtar kuratur/i deputat/i sabiex jirrapprezenta/w lill-assenti Larry u Linsay ahwa Muscat, prevja l-hrug tas-soliti bandi;

2. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta ohra lokali ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti ghall-bejgh ta' l-ishma ndivizi tal-vendituri atturi f'din il-procedura, minn din il-proprjeta' hawn fuq deskritta huwa gust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-bejgh tar-rimanenti ishma ndivizi appartenenti lill-konvenuti kif fuq deskritt, prevja, okkorrendo, li l-fond jigi stmat minn perit arkitett u inginier civili appuntat minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tapprova l-bejgh kif propost;

5. Tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh anke ghal dak li jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimati, f'jum, hin, u lok illi jigu ghalhekk iffissati u tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Enzo Dimech sabiex jippubblika l-att ta' bejgh opportun, bl-intervent ta' kuratur/i deputat/i sabiex jirraprezenta/w lill-eventwali kontumaci fuq dak l-att.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Deborah Camilleri illi eccepiet:

i. Illi preliminarjament trid tigi stabbilita l-konsistenza tal-kwoti u tal-persuni li ghandhom sehem mill-fond 42, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex u jridu jsiru l-verifiki opportuni;

ii. Illi preliminarjament ukoll mir-rikors guramentat ma jirrizultax li hemm prova tal-mewt ta' missier Linsay Muscat u Larry Muscat u lanqas tad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu. Ghaldaqstant l-atturi jehtiegu jaghtu prova ta' dan jew jaghmlu l-proceduri opportuni fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja;

iii. Illi jirrizulta li l-estensjoni tal-konvenju ma gietx ratifikata minn Ines Micallef u Mary Rose Scicluna. Jidher ukoll li mill-konvenju originali tal-20 ta' Settembru 2017 gew imhassra isem Peter, Coronato u Carmel ahwa Muscat, filwaqt li kienu pero' firmatarji tal-istess konvenju;

iv. Illi fil-mertu l-esponenti mhix edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant ma hijiex f'posizzjoni li tissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skont il-Ligi. Ghalhekk filwaqt li qed tirrimeti ruhha ghall-provi migjuba, qeghdha tirriserva illi tipprezenta risposta guramentata ulterjuri jekk u meta hija tkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-kaz. Difatti fil-prezenti

hija ma ghandha l-ebdaindirizz postali jew indirizz elettroniku jew numru telefoniku li jippermettilha taghmel kuntatt ma' Linsay Muscat u Larry Muscat.

Salvi u mpregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Marzu, 2019 il-partijiet kollha ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex il-konvenuti jerqsu ghall-kuntratt ta' biegh tal-fond bin-numru 23 fi Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex lil Joseph u martu Saverina Schembri u lill-Perit Justin u martu Karensa Schembri fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom, liema bejgh huma ntrabtu li jaghmlu permezz tal-konvenju datat 20 ta' Settembru, 2017 li gie mgedded nhar is-27 ta' April, 2018 (ara l-konvenju u t-tigdid tal-konvenju a fol. 133 sa fol. 142 tal-process). Fuq dan il-konvenju l-partijiet iddikjaraw li l-kompraturi hallew depozitu ta' dsatax-il elf u hames mitt ewro (€19,500) li nzammu minn Nutar Enzo Dimech filwaqt li l-bilanc kien sejjer jithallas fuq l-att finali. Jidher mill-atti, li l-pubblikazzjoni tal-att finali ma sarx peress li kien hemm nuqqas ta' ftehim min-naha ta' zewg persuni u cioe' ta' Linsay Muscat u Larry Muscat li jigu

entrambi wlied il-mejjet Joe Muscat. Jirrizulta li dan Joe Muscat gie nieqes gewwa l-Awstralja u halla warajh erbat (4) itfal. Tnejn minnhom kienu kkoperaw u ghaddew prokura, madanakollu t-tnejn imsemmija kienu rrifjutaw li jghaddu prokura.  Kien ghalhekk li l-atturi pprocedew bir-rikors odjern a bazi tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili sabiex jinbieghu fuq l-istess kuntratt l-ishma ndivizi ta' 1/576 appartenenti lil kull wiehed minn Lindsay Muscat u Larry Muscat.

Illi l-imsemmija Lindsay Muscat u Larry Muscat jirrisjedu gewwa l-Awstralja u ghalhekk huma assenti minn dawn l-gzejjer u permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat  l-10 ta' Ottubru, 2018 (in segwitu ghar-rikors tal-atturi a fol. 12 u fol. 13 tal-process) giet mahtura kuratur deputat Dr Deborah Camilleri sabiex tirrapprezenthom. Da parti tal-kuratur deputat tressqet nota tal-eccezzjonijiet li tinsab a fol. 174 tal-process.

Illi ghandu jinghad li waqt il-mori tal-kawza l-kuratur deputat Dr Deborah Camilleri baghtet ittra registrata datata 23 ta' Jannar, 2019 lil intimati (a fol. 198 tal-process) u in segwitu ghal din l-ittra hija rceviet korrispondenza tramite email datata 28 ta' Frar, 2019 minghand Larry Muscat (a fol. 200 tal-process).

Illi in segwitu ghall-email ricevuta, il-kuratur deputat Dr Deborah Camilleri fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Marzu, 2019 ivverbalizzat is-segwenti:

> 'Dr Deborah Camilleri f'dan l-istadju qed tirtira t-tielet eccezzjoni u fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni taghha tirrimetti ruhha ghall-provi li hemm fl-atti.
>
> Dwar it-tieni eccezzjoni tirtira dik il-parti fir-rigward tal-parti tal-prova tal-mewt ta' missier Lindsay Muscat u Larry Muscat.

> Fir-rigward tar-raba eccezzjoni taghmel referenza ghad-dokument esebit illum markat bhala dokument D minnha stess fejn il-patrocinat taghha mhux qed joggezzjonaw ghall-bejgh tal-proprjeta'.'

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak li gie vverbalizzat minn Dr Deborah Camilleri jirrizulta li t-tieni u t-tielet eccezzjoni gew sorvolati.

Illi fir-rigward tar-raba' u l-ahhar eccezzjoni hija vverbalizzat qbil li ghandu jkun hemm il-bejgh tal-fond bin-numru 23 fi Triq ir-Ramla, Rabat, Ghawdex.

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni hija rrimettiet ruhha ghall-provi li gew esebiti fl-atti. Illi wara li rat d-dokumenti kollha esebiti fl-atti din il-Qorti tqis li tressqu bizzejjed provi dwar il-konsistenzi tal-kwoti u l-persuni.

Illi mill-assjem tal-provi fl-atti jirrizulta wkoll li l-valur moghti lill-immobbli in vendita' u cioe' ta' mija u hamsa u disghin elf Euro (€195,000) huwa prezz reali u gust fic-cirkustanzi tal-proprjeta' in kwistjoni. Dan gie wkoll konfermat mir-rapport *ex parte* tal-Perit Cornelia Tabone esebit fl-atti.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif esposti fl-atti l-qorti tqis li t-talbiet tal-atturi huma gjusti u ghandhom jigu akkolti salv it-talba sabiex l-intimati jbaghtu l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni. Il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi tal-kaz odjern, in vista tas-sehem vera minimu li ghandhom l-

intimati fil-proprjeta' in kwistjoni u l-ispjegazzjoni moghtija minnhom lill-kuratrici nominata fil-korrispondenza mibghuta minnhom u esebita fl-atti l-ghalfejn ma setghux jibaghtu l-prokuri, l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati minn kull parti skont is-sehem taghha fil-proprjeta' in vendita.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddikjara t-tieni u t-tielet eccezzjoni bhala sorvolati, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dawk hawn deciz u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tikkonferma l-hatra ta' Dr Deborah Camilleri sabiex tirrapprezenta lill-assenti Larry Muscat u Linsay Muscat, ulied il-mejjet Joe Muscat;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u dana stante li jirrizulta mill-atti li l-pubblikazzjonijiet necessarji saru fil-mori;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti ghall-bejgh ta' l-ishma ndivizi tal-vendituri atturi f'din il-procedura, mill-proprjeta' bin-numru 42, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex fuq deskritta huwa wiehed gust u xieraq u ghalhekk l-istess prezz u kundizzjonijiet ghandhom japplikaw

ghall-bejgh tar-rimanenti shma ndivizi appartenenti lill-konvenuti Linsay Muscat u Larry Muscat;

4. Tilqa' r-raba talba attrici u tawtorizza l-bejgh kif propost;

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh anke fir-rigward tal-kwota spettanti lill-konvenuti Linsay Muscat u Larry Muscat u ghal dan il-ghan tahtar lin-Nutar Dr Enzo Dimech sabiex fi zmien massimu ta' xahar mid-data ta' din id-decizjoni jiffissa lok, jum u hin ghall-pubblikazzjoni minnu ta' l-Att Notarili bl-intervent tal-kuratur deputat nominata Dr. Deborah Camilleri sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-Att.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom fil-proprjeta' in vendita.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur